**13 ta' Jannar, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Grazia Sammut

*versus*

Charlie sive Carmelo Abela

**Inġurja — "Animus Injuriandi".**

*Meta surġent tal-Pulizija li jirċievi rapport kontra xi ħadd, javviċina lill-persuna li ġiet rapportata u jintrometti ruħu bħala paċifikatur bejn il-persuna li rrapportat u l-persuna li ġiet rapportata. din l-aħħar imsemmija, jekk tgħidlu li l-persuna li għamlet ir-rapport kien imissha tgħidlu wkoll x'għamlet hija stess lill-persuna rapportata, ma jidhirx li hija ħatja ta' nġurja billi lis-surġent tgħidlu x'għamlitilha l-persuna li rrapportatha. L-atteġġjament paċifikatur tas-surġent kien impliċitament jinvita lill-persuna rapportata li tikkonvinċi lil dak l-uffiċjal illi, jekk kien hemm dissidji bejn iż-żewġ naħħiet, dawn ma kienux dovuti għall-persuna rapportata biss; u kwindi ma kienx hemm fiha l-"animus injuriandi".*

*Divers kien ikun il-każ kieku dik il-persuna esprimiet ruħha fis-sens imsemmi ma' bniedem li ma kienx jirrivesti l-kwalità ta' paċifikatur assunta f'dik il-vertenza mis-surġent, jew li kieku l-fatt imsemmi lis-surġent kien inventat b'malizzja, jew li kieku intqal xi kliem żejjed jew mhux fil-kontest tal-inċident.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela miġjuba mill-kwerelanti kontra l-kwerelat, talli f'dan l-aħħar xahar inġurja lill-kwerelanti;

Rat is-sentenza tal-Qrati Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-8 ta' Novembru 1961, li biha sabet lill-kwerelat ħati, u kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni u l-ispejjeż tal-kawża;

Rat ir-rikors tal-kwerelat, li bih appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi assolt; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kwerelat hu miżżewweġ lil bint il-kwerelanti. Il-kollitiganti għandhom xi għalqa flimkien, ġejja minn wirt. Fl-għalqa hemm maqjel. Hemm ukoll xi injam tat-tnejn li, kif qalet il-kwerelanti, qiegħed konfużament flimkien. Il-kwerelanti kienet marret l-Għassa u rrapportat lill-Pulizija, jew almenu lmentat mas Surġent Seychell, li l-kwerelat kien qalgħalha switch jew plug użat minnha in konnessjoni ma' xi xogħol ta' biskuttini. F'ċerta okkażjoni wara, il-kwerelat, li kien għaddej ibiegħ il-ħobż, ġie msejjaħ mis-Surġent, li qallu bir-rapport jew bl-ilment tal-kwerelanti dwar il-plug jew switch, u żied jgħidlu 'iva inthom sejrin toqgħodu kwieti?";

Fil-kors tad-diskors, il-kwerelat osserva lis-surġent li hi kienet qaltlu bis-switch, imma ma kienet qaltlu xejn bl-injam li kienet ħaditlu. Il-provi pujttost juru li l-kwerelat kien fassew qed jaħseb li verament il-kwerelanti kienet użat xi injam tiegħu għal xi gallinar tat-tiġieġ. Jirriżulta li s-surġent kien qieged jipprova jirrikonċilja lill-kontendenti, jew almenu jiddisswadihom milli jkomplu bid-dissidji bejniethom; tant li, wara, is-surġent ra lill-kwerelanti u qalilha 'Inti dak inhar ġejt tgħidli li qalgħalek il-plug, imma int ħadtlu l-ħatab". F'dawn il-kontinġenzi ma jidherx li hemm l-"animus injurjandi". Fl-idea tal-kwerelat, is-surġent kien qiegħed jivvalja l-kwistjonijiet ta' bejniethom, biex jirrikonċiljahom, u konfrontat bl-ilment tal-kwerelanti, il-kwerelat għamel ukoll l-ilment tiegħu lis-surġent, preżumibbilment sabiex dan ikollu quddiemu ċ-ċirkustanzi kollha tal-kwistjonijiet ta' bejniethom. L-atteġġjament paċifikatur tas-surġent kien impliċitament jinvita lill-kwerelat li jitħaddet konfidenzjalment, u li jikkonvinċi lil dak l-uffiċjal illi, jekk kien hemm dissidji bejnu u l-kwerelanti, dawn ma kienux dovuti għalieh biss. Divers kien ikun il-każ kieku l-kwerelat esprima ruħu f'dak is-sens ma' bniedem li ma kienx jirrivesti l-kawlità ta' paċifikatur assunta f'din il-vertenza mis-surġent, jew li kieku l-fatt tal-injam kien inventat b'malizzja, jew li kieku l-kwerelat qal xi kliem żejda jew mhux fil-kontest tal-inċident;

Għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-kwerelat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat;

L-ispejjeż, però, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa; dritt tar-Reġistru bin-nofs. Drittijiet tad-difensuri "uti infra":— Seduta 9.XII.61 tnax il-xelin; seduta tal-lum għaxar xelini.